**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 166/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Sharon Tanti )**

**Vs**

**JULIO AZZOPARDI**

**Illum, 11 ta'Frar, 2002.**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Julio Azzopardi li permezz taghhom gie akkuzat talli fis-6 ta'Lulju, 1998, fil-Madliena :

1. Minghajr ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-Joseph Degaetano ta'ghaxar snin u ghamillu offiza fuq il-persuna tieghu (Art. 86 tal-Kap. 9) ;
2. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'eghmil zieni, ikkorrompa lill-Joseph Degaetano, minorenni ta' ghaxar snin ;

3. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta'Joseph Degaetano, minorenni ta' ghaxar snin ;
4. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu materjal pornografiku jew oxxen ;
5. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'att li sar fil-pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fil-11 ta'Settembru, 2001, li biha sabet lill-Julio Azzopardi hati fuq l-ewwel u t-tieni akkuzi, u mhux hati fuq il-kumplament u lliberatu minn dawk l-akkuzi fejn ma nstabx hati taghhom. Fuq dawk misjub hati, dik il-Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghall-erba snin prigunerija komplessivament, bit-tnaqqqis ta' kull zmien li kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors t'appell ta'Julio Azzopardi datat 17 ta'Settembru, 2001, li bih talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha fejn sabitu hati biex b'hekk hu jigi liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih, u fin-nuqqas, tvarjaha dan billi minflok il-piena karcerarja nflitta mill-ewwel Qorti, tigi nflitta kull xorta ta'piena ohra li tirrifletti c-cirkostanzi w attenwanti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi ghalkemm l-appellant Julio Azzopardi qed jitlob ir-revoka tal-parti tas-sentenza fejn kien gie misjub u dikjarat hati, effettivament, waqt it-trattazzjoni verbali ta' dan l-appell tieghu quddiem din il-Qorti, permezz ta' l-avukat

difensur tieghu, hu llimitah ghal dak li jikkoncerna l-piena biss u mhux ukoll fil-meritu.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tillimita ruha ghal dak li jikkoncerna l-piena biss.

L-appellant qed jsostni t-talba tieghu biex tigi varjatha l-piena karcerarja essenzjalment in bazi ta' zewg fatturi, u cioe', (**1**) fuq il-fatt li skond hu l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti karkru ghal aktar minn tlett (3) snin, liema dewmien kien ta' pregudizzju ghalih ghaliex l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dan id-dewmien meta giet biex tinfliggi l-piena, u (**2**) ghaliex kien hemm sentenzi precedenti b'akkuzi simili ghal dawk mressqa kontrih fejn giet inflitta piena ta' prigunerija sospiza w mhux dik ta' prigunerija effettiva.

Illi din il-Qorti xejn ma tista' taqbel ma' l-appellant f'dawn iz-zewg sottomissjonijiet tieghu b'riferenza ghall-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Fl-ewwel lok, iz-zmien ta' tlett snin li hadu dawn il-proceduri sabiex jigu decizi minn dik il-Qorti mhux xi zmien irragjonevolment twil, fis-sens li dan it-trapass ta' zmien kien ta' xi pregudizzju ghall-appellant. Jekk matul dan il-perijodu, u anke qabel l-incident in kwistjoni fis-6 ta'Lulju, 1998, l-appellant kellu xi relazzjoni sentimentali ma' persuna tant li fil-mori ta' din il-kawza huma hejjew pjanijiet ghaz-zwieg taghhom, ghamlu xi 'bank loan' biex jixtru dar matrimonjali, u anke zzewgu, dawn il-fatti bla ebda mod ma necessarjament jew awtomatikament iwasslu sabiex jimmilitaw favur xi mitigazzjoni fil-piena. Kienet haga kompletament fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk kelliex tiehu in kunsiderazzjoni dan il-fatt, haga li jidher li ma kkunsidratx kemm xtaq l-appellant, u li, fi kwalunkaw kaz, l-ewwel Qorti kellha kull dritt li ma tikkunsidrax. Legalment ma hemm xejn x'ticcensura f'dan l-operat ta' l-ewwel Qorti. Wiehed necessarjament irid iqies in-natura w gravita' tar-reati li l-appellant gie akkuzat bihom, kif ukoll il-fattur ta' l-eta' tal-vittma, cioe' meta din kellha biss disgha (9) snin meta gara l-incident in kwistjoni fis-6 ta'Lulju, 1998, u l-effett psikologiku li tali agir ta' l-appellant halla fuq il-vittma ta' dik l-eta'.

Fit-tieni lok, mhux kull kaz huwa identiku ghall-iehor. Jekk fil-proceduri msemmija mill-appellant fir-rikors t'appell tieghu, din il-Qorti, diversament presjeduta, iddecidiet kif hu qed jghid li ddecidiet, dan hu sinjal li tassew kien hemm cirkostanzi li din il-Qorti wasluha biex tiddeciedi hekk ghal dak li jikkoncerna l-piena. Pero', kif dejjem jinghad, din il-Qorti, illum, mhiex marbuta b'dak li ddecidiet din l-istess Qorti, diversament presjeduta, fil-proceduri imsemmija mill-appellant. Madankollu, izda, ta' min jirrileva hawnhekk, li bl-istess argument ta' l-appellant, hemm ruxmata ta' sentenzi ta' dawn il-Qrati fejn fuq akkuzi simili gew moghtija pieni ta'prigunerija effettiva ferm aktar gravi minn dik inflitta fuqu mill-ewwel Qorti, u/jew fejn ma gietx applikata s-sentenza sospiza.

Illum quddiemha din il-Qorti ghandha dan il-kaz ta' l-appellant Julio Azzopardi fejn il-vittma tieghu hi tifel ta' disgha (9) snin, u li ghandha tghamel din il-Qorti, ghalhekk, hu li tara jekk il-piena mposta mill-ewwel Qorti hiex wahda idonea.

Meta giet biex tikkunsidra x'piena kellha tapplika f'dan il-kaz, l-ewwel Qorti semmiet dettaljatament fis-sentenza taghha r-ragunijiet kollha li kkunsidrat qabel ma waslet biex tinfliggi l-piena karcerarja ta' erba snin. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' kull osservazzjoni w kunsiderazzjoni li ghamlet dik il-Qorti. Bizzejjed jigi rimarkat hawnhekk li r-reati li taghhom gie misjub hati l-appellant igorru maghhom piena karcerarja li hi aktar minn sitt snin, tenut in kunsiderazzjoni c-cirkostanza aggravanti ta' l-eta' ta' disgha (9) snin tal-minorenni, kif ukoll dak li jistipula l-Artikolu 17 (b) tal-Kap. 9 dwar il-konkors ta'reati w pieni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tara li ma hemm ebda raguni legalment valida l-ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti meta giet biex tinfliggi l-piena li dehrilha adegwata fic-cirkostanzi partikolarti ta' dan il-kaz.

Ghalhekk l-appell ta'Julio Azzopardi huwa michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermatha fl-intier taghha.